**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 2 ta’ Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 489/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Watson Jillian Edwina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-26 ta’ Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-istess soċjeta’ attriċi s-somma ta’ seba’ mija u tlett Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€703.84ċ) dovuta in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni mogħtija lilha bil-kont numru 40100437, wara li l-konvenuta naqset li tħallas minkejja li ġiet interpellata biex tagħmel dan. Is-soċjeta’ attriċi talbet ukoll li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta’ attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta’ din il-kawża (Dok.‘A’, fol. 2-7); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta’ attriċi kellha mal-konvenuta (Dok.‘B’, fol. 8-16); u (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenuta (Dok.‘C’, fol. 17); u (iv) affidavit ta’ Charmaine Wiffen, rappreżentant tas-soċjeta’ attriċi, li fih iddikjarat bil-

ġurament tagħha li s-somma reklamata b'din l-azzjoni hija dovuta lilha mill-konvenuta fuq il-kont imsemmi (Dok.'D', fol. 18).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta t-Talba.

Ra li fl-udjenza tad-19 ta' April 2017, Marianne Camilleri għas-soċjeta' attriċi ikkonfermat bil-ġurament li l-konvenuta għadha debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' seba' mija u tlett Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€703.84ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**